MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru. 95/2003

Il-Pulizija
(Supretendent Alexandra Mamo)

vs

Dorianne Zammit Cutajar

Il-Qorti;

Rat li l-imputata, Dorianne Zammit Cutajar ta’ 31 sena, bint Carmelo u Carmen nee Ellul, imwielda Pieta fis-16 ta’ Mejju 1971 u residenti St Joseph House, Regional Road, Santa Venera, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 289771M giet mressqa quddiemha akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe’ fil-25 ta’ Marzu, 1998 u fix-xhur precidenti, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

a) Appropjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe approprjat ruha minn software, Smarterm 420 for Windows, liema software kien mixtri mill-kumpannija Sky Travel International Ltd, u li l-istess software jappartjeni lill-istess kumpanija Sky Travel International Ltd u lid-diretturi taghha, fosthom lil Norman Mifsud u persuni ohra, u li l-istess software li inxtara ghal aktar minn LM500 kien gie fdat jew ikkunsinnat lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn LM1,000 ghad-dannu tal-kumpannija Sky Travel International Ltd, id-diretturi taghha fosthom Norman Mifsud u persuni ohra, dan ir-reat sar bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 309 u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 26 ta' Novembru, 2003, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 17 tal-process.

Semghat lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sarilha nhar is-27 ta' Novembru, 2003 (*folio* 13 u 16 tal-process) *ai termini* ta' l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2003 il-Qorti laqghet talba maghmla mill-Prosekuzjoni ghall-korrezzjoni f’isem l-imputata fis-sens li minflok *Dorianne Cassar* isem l-imputata kellu jinqara *Dorianne Zammit Cutajar*.

Rat li waqt l-imsemija sseduta l-imputata tat ruhha b’notifikata bic-citazzjoni kif korretta, sar l-ezami mill-gdid tal-imputata u nqrat l-akkuza mill-gdid. Waqt l-istess seduta tas-27 ta’ Novembru 2003 id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-16 ta’ Jannar 2004 fejn giet respinta din l-eccezzjoni stante illi gie ritenut li fil-komputazzjoni tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed in konsiderazzjoni wkoll l-addebitu tal-kontinwat bil-konsegwenti zieda ta’ grad jew tnejn fil-piena applikabbli.

Rat illi bhala konsegwenza tal-istess sentenza id-Difiza talbet li jixhed l-espert Martin Bajjada u dan sabiex jispjega jekk effettivament l-addebitu tal-kontinwat jirrizultax mill-proceduri.

Semghat id-deposizzjoni tal-imsemmi xhud fis-seduti tat-22 ta’ April 2004 (a folio 28) u tal-20 ta’ April 2005 (a folio 37) minn fejn irrizulta li l-apparat allegatament misapproprijat ma seta’ qatt jintuza stante li ma kellux *printer*. Martin Bajjada spjega wkoll li mill-ezamijiet li huwa ghamel fuq il-kompjuter irrizulta biss tentattiv wiehed ta’ uzu.

Il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tad-deposizzjoni tal-espert imsemmi fil-paragrafu precedenti jidrilha li l-addebitu tal-kontinwat ravvisat fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jistghax jinghad li jirrizulta u ghalhekk m’ghandu jkun hemm l-ebda zieda fil-komputazzjoni tal-piena sabiex jigi stabbilit liema huwa il-perijodu ta’ preskrizzjoni applikabbli.

L-Artikolu 691(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li fil-kaz ta’ reat kontinwat (*continuous offence*) iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih sar l-ahhar ksur tal-ligi.

Skond dak li xehed l-espert Martin Bajjada u skond dak li jirizulta mir-rapport tieghu (a folio 7 et sequitur tal-process verbal a folio 64 tal-process) t-tentattiv tal-uzu tal-kompjuter, u ghalhekk l-ahhar ksur tal-ligi, sar qabel is-26 ta’ Marzu 1998. L-imputata tat ruhha b’notifikata fl-udjenza tal-27 ta’ Novembru 2003 u ghalhekk aktar minn hames (5) snin mid-data tal-ahhar ksur tal-ligi.

Illi fid-data ta’ meta gew kommessi l-allegati reati li bihom qed tigi akkuzata l-imputata, minghajr l-addebitu tal-kontinwat, il-pieni kienu is-segwenti:-

i) Artikolu 308- 4 xhur sa sena. B’zieda ta’ tlett gradi, in vista ta’ dak dispost fl-Artikolu 310(a), il-piena titla sa massimu ta’ 3 snin [Artikolu 31(b) (vii)]

ii) Artikolu 309 –xahar sa 3 xhur jew il-multa. B’zieda ta’ tlett gradi, in vista ta’ dak provdut fl-Artikolu 310(a), il-piena massima titla sa sena prigunerija (Artikolu 31 (b) (x) )

iii) Artikolu 293/294-minn minimu ta’ 5 xhur sa massimu ta’ sena. B’zieda ta’ tlett gradi l-piena massima titla ghal 3 snin prigunerija (Art.31[b][vii])

iv) Illi in vista tal-fatt illi t-tlett reati, minkejja z-zieda ta’ tlett gradi, huma kollha punibbli b’inqas minn 4 snin prigunerija dana jfisser illi l-perijodu preskrittiv huwa ta’ 5 snin in vista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 688(d) tal-Kap 9.

Illi una volta stabbilit li l-addebitu tal-kontinwat ma jirriuzltax, una volta stabbilit li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-ahhar ksur tal-ligi u una volta stabbilit li l-perijodu preskrittiv huwa dak ta’ hames (5) snin skond dak li jiddisponi l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti m’ghandha l-ebda triq ohra salv li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-imputata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara lli rat l-Artikoli 31, 308, 309, 293, 294, 691 (1) u 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-imputata u tiddikjara l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha bhala preskritti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------